ID-DIRETTIVA 2005/90/KE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

tat-18 ta' Jannar 2006

li temenda, għad-disgħa u għoxrin darba, id-Direttiva tal-Kunsill 76/769/KEE dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, regolamenti u disposizzjonijiet amministrattivi ta' l-Istati Membri dwar ir-restrizzjonijiet fuq il-*marketing* u l-użu ta' ċerti sustanzi u preparazzjonijiet perikolużi (sustanzi klassifikati bħala karċinoġeniċi, mutaġeniċi jew tossiċi għar-riproduzzjoni — k/m/r)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 95 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew [1],

Waqt li jaġixxu skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat [2],

Billi:

(1) Il-miżuri msemmija f'din id-Direttiva jaqgħu fil-qafas tal-pjan ta' azzjoni adottat bid-Deċiżjoni Nru 1786/2002/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2002 li tadotta programm ta' azzjoni Komunitarja fil-qasam tas-saħħa pubblika (2003-2008) [3]. Skond dik id-Deċiżjoni l-Komunità hija mpenjata sabiex tippromwovi u ttejjeb is-saħħa, tipprevjeni l-mard, u tikkumbatti perikli potenzjali għas-saħħa, bil-għan li tnaqqas il-morbożità evitabbli u l-mortalità prematura u d-diżabbiltà li tnaqqas l-attività.

(2) Is-sustanzi li jidhru fl-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill 67/548/KEE tas-27 ta' Ġunju 1967 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, regolamenti u disposizzjonijiet amministrattivi dwar il-klassifikazzjoni, l-ippakkjar u l-ittikkettjar ta' sustanzi perikolużi [4] u li huma klassifikati bħala karċinoġeni kategorija 1 jew 2 jistgħu jikkawżaw il-kanċer. Is-sustanzi li jidhru fl-Anness I tad-Direttiva 67/548/KEE u li huma klassifikati bħala mutaġeni kategorija 1 jew 2 jistgħu jikkawżaw dannu ġenetiku li jintiret. Is-sustanzi li jidhru fl-Anness I tad-Direttiva 67/548/KEE u huma klassifikati bħala tossiċi għar-riproduzzjoni kategorija 1 jew 2 jistgħu jikkawżaw difetti fit-twelid jew jistgħu jagħmlu l-ħsara lill-fertilità.

(3) Sabiex tkun imtejba l-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u s-sigurtà għall-konsumatur, l-użu ta' sustanzi klassifikati mill-ġdid bħala karċinoġeniċi, mutaġeniċi jew tossiċi għar-riproduzzjoni tal-kategorija 1 jew 2 għandu jkun regolat u t-tqegħid fis-suq ta' sustanzi u preparazzjonijiet li jkun fihom dawn is-sustanzi għandhom ikunu suġġetti għal restrizzjoni fuq il-bejgħ lill-pubbliku ġenerali.

(4) Id-Direttiva tal-Kunsill 76/769/KEE tas-27 ta' Lulju 1976 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, regolamenti u disposizzjonijiet amministrattivi ta' l-Istati Membri dwar restrizzjonijiet fuq il-marketing u l-użu ta' ċerti sustanzi u preparazzjonijiet perikolużi [5] ssemmi restrizzjonijiet fuq il-marketing u l-użu ta' ċerti sustanzi u preparazzjonijiet perikolużi, bil-għan, fost oħrajn, li ttejjeb il-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u s-sigurtà tal-konsumatur.

(5) Id-Direttiva 94/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda għall-14-il darba d-Direttiva 76/769/KEE [6] tistabbilixxi, f'sura ta' appendiċi ma' l-Anness I tad-Direttiva 76/769/KEE, lista li fiha sustanzi klassifikati bħala karċinoġeniċi, mutaġeniċi jew tossiċi għar-riproduzzjoni tal-kategorija 1 jew 2. Dawn is-sustanzi u preparazzjonijiet li jkun fihom għandhom ikunu suġġetti għal restrizzjoni fuq il-bejgħ lill-pubbliku ġenerali.

(6) Id-Direttiva 94/60/KE tistabbilixxi li, mhux iktar tard minn sitt xhur wara l-pubblikazzjoni fil-Ġurnal Uffiċjali ta l-Unjoni Ewropea ta' adattament għall-progress tekniku ta' l-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill 67/548/KEE, li jelenka sustanzi klassifikati bħala karċinoġeniċi, mutaġeniċi jew tossiċi għar-riproduzzjoni fil-kategorija 1 jew 2, il-Kummissjoni ser tressaq quddiem il-Parlament Ewropew u l-Kunsill proposta għal Direttiva li tirregola dawn is-sustanzi klassifikati mill-ġdid, sabiex ikun aġġornat l-Appendiċi ta' l-Anness I tad-Direttiva 76/769/KEE. Il-proposta mill-Kummissjoni ser tqies r-riskji u l-vantaġġi tas-sustanzi klassifikati mill-ġdid, u tad-disposizzjonijiet leġislattivi Komunitarji dwar l-analiżi tar-riskju.

---

(1) ĠU Ċ 255, ta' l-14.10.2005, p. 33.

(2) Opinjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Ġunju 2005 (Għadha mhux pubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u d-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Diċembru 2005.

(3) ĠU L 271, tad-9.10.2002, p. 1. Deċiżjoni kif emendata bid-Deċiżjoni Nru 786/2004/KE (ĠU L 138, tat-30.4.2004, p. 7).

(4) ĠU L 196, tas-16.8.1967, p. 1. Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2004/73/KE (ĠU L 152, tat-30.4.2004, p. 1 bir-Rettifika pubblikata fil-ĠU L 216, tas-16.6.2004, p. 3).

(5) ĠU L 262, tas-27.9.1976, p. 201. Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2004/98/KE (ĠU L 305, ta' l-1.10.2004, p. 63).

(6) ĠU L 365, tal-31.12.1994, p. 1.

(7) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2004/73/KE tad-29 ta' April 2004 li tadatta għall-progress tekniku għad-disgħa u għoxrin darba d-Direttiva tal-Kunsill 67/548/KEE, u b'mod aktar partikolari l-Anness I tagħha, tinkludi 146 annotazzjoni li jkun fihom sustanzi klassifikati mill-ġdid bħala karċinoġeniċi kategorija 1, 21 annotazzjoni li jkun fihom sustanzi klassifikati mill-ġdid bħala karċinoġeniċi kategorija 2, 152 annotazzjoni li jkun fihom sustanzi klassifikati mill-ġdid bħala mutaġeniċi kategorija 2 u 24 daħla li fihom sustanzi klassifikati mill-ġdid bħala tossiċi għar-riproduzzjoni kategorija 2.

(8) Id-Direttiva 2004/73/KE temenda wkoll in-noti dwar l-identifikazzjoni, il-klassifikazzjoni u l-ittikkettjar attribwita lil erbgħa sustanzi klassifikati bħala karċinoġeniċi kategorija 1, 36 annotazzjoni li jkun fihom sustanzi klassifikati bħala karċinoġeniċi kategorija 2, sitt annotazzjonijiet li jkun fihom sustanzi klassifikati bħala mutaġeniċi kategorija 2, żewġ annotazzjonijiet li jkun fihom sustanzi klassifikati bħala tossiċi għar-riproduzzjoni kategorija 1 u tliet annotazzjonijiet li jkun fihom sustanzi klassifikati bħala tossiċi għar-riproduzzjoni kategorija 2. Il-listi fl-Appendiċi ta' l-Anness I tad-Direttiva 76/769/KEE għandhom jiġu emendati hekk.

(9) Ir-riskji u l-vantaġġi tas-sustanzi, klassifikati mill-ġdid permezz tad-Direttiva 2004/73/KE, bħala karċinoġeniċi, mutaġeniċi jew tossiċi għar-riproduzzjoni tal-kategorija 1 jew 2 tqiesu, b'mod partikolari dawk li għandhom x'jaqsmu mas-sustanzi li ma kinux għadhom suġġetti għal restrizzjoni għall-użu f'sustanzi u preparazzjonijiet imqiegħda fis-suq għall-bejgħ lill-pubbliku ġenerali (minħabba klassifikazzjoni li kellhom qabel). Din l-analiżi ikkonkludiet li dawn is-sustanzi klassifikati mill-ġdid jistgħu jiddaħlu fl-Appendiċi ta' l-Anness I tad-Direttiva 76/769/KEE.

(10) Din id-Direttiva għandha tapplika mingħajr preġudizzju għal-leġislazzjoni Komunitarja li tistabbilixxi rekwiżiti minimi għall-protezzjoni ta' ħaddiema msemmija fid-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE tat-12 ta' Ġunju 1989 dwar l-introduzzjoni ta' miżuri sabiex jinkoraġġixxu titjib fis-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema fuq ix-xogħol [1], u Direttivi individwali ibbażati fuqha, b'mod partikolari id-Direttiva 2004/37/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema mir-riskji relatati ma' l-esposizzjoni għal karċinoġeni jew mutaġeni fuq il-post tax-xogħol [2].

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

L-Appendiċi ta' l-Anness I tad-Direttiva 76/769/KEE għandu jiġi emendat kif stabbilit fl-Anness ma' din id-Direttiva.

Artikolu 2

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw il-liġijiet, regolamenti u disposizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex iħarsu din id-Direttiva qabel l-24 ta' Frar 2007. Huma għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni minnufih it-test ta' dawk il-miżuri u tabella ta' korrelazzjoni bejn dawn il-miżuri u din id-Direttiva.

Huma għandhom japplikaw dawk il-miżuri mill-24 ta' Awwissu 2007.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn il-miżuri, għandhom jinkludu referenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati b'tali referenza mal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-metodi ta' kif issir tali referenza għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni it-test tad-disposizzjonijiet prinċipali tal-liġi nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

Artikolu 3

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tagħha fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Artikolu 4

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Strasburgu, nhar it-18 ta' Jannar 2006.

Għall-Parlament Ewropew	*Għall-Kunsill*
Il-President	*Il-President*
J. BORRELL FONTELLES	H. WINKLER

[1] ĠU L 183, tad-29.6.1989, p. 1.

[2] ĠU L 158, tat-30.4.2004, p. 50, bir-Rettifika ppubblikata fil-ĠU L 229, tad-29.6.2004, p. 23.

ANNESS

1. L-intestatura "Noti" tal-Prefazzjoni għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) Jiġu mdaħħla n-noti li ġejjin:

"Nota A:

L-isem tas-sustanza jrid jidher fuq it-tikketta fil-forma ta' waħda mit-tismijiet mogħtija fl-Anness I tad-Direttiva 67/548/KEE (ara l-Artikolu 23(2)(a)).

Fl-Anness I tad-Direttiva 67/548/KEE, xi kultant tiġi użata deskrizzjoni ġenerali bħal '…komposti' jew '…imluħa'. F'dan il-każ, il-manifattur jew kwalunkwe persuna oħra li tqiegħed fis-suq din is-sustanza hi meħtieġa li tiddikjara fuq it-tikketta l-isem korrett, wara li jitqies b'mod xieraq il-kapitolu intitolat 'Nomenklatura' tal-Prefazju.

Id-Direttiva 67/548/KEE teħtieġ ukoll li s-simboli, indikazzjonijiet ta' periklu, frażijiet R- u S- li għandhom jintużaw għal kull sustanza għandhom ikunu dawk li jidhru fl-Anness I (Artikolu 23(2)(ċ), (d) u (e)).

Għal sustanzi li jappartjenu għall-grupp ta' sustanzi partikolari inklużi fl-Anness I tad-Direttiva 67/548/KEE, is-simboli, indikazzjonijiet ta' periklu, frażijiet R- u S- li għandhom jintużaw għal kull sustanza għandhom ikunu dawk li jidhru fl-annotazzjoni adegwata ta' dak l-Anness I.

Għal sustanzi li jappartjenu f'iktar minn grupp wieħed ta' sustanzi inklużi fl-Anness I tad-Direttiva 67/548/KEE, is-simboli, indikazzjonijiet ta' periklu, frażijiet R- u S- li għandhom jintużaw għal kwalunkwe sustanza għandhom ikunu dawk li jidhru fiż-żewġ annotazzjonijiet adegwati mogħtija fl-Anness I. F'każijiet fejn żewġ klassifikazzjonijiet differenti huma mogħtija f'żewġ annotazzjonijiet għall-istess periklu, għandha tintuża l-klassifika li tirrifletti l-iktar periklu gravi."

"Nota D:

Ċerti sustanzi li huma suxxettibbli għal polimerizzazzjoni jew dekomposizzjoni spontanja huma ġeneralment imqiegħda fis-suq f'forma stabbilizzata. Hi f'din il-forma li ġew imniżżla fl-Anness I tad-Direttiva 67/548/KEE.

Madanakollu, dawn is-sustanzi huma xi kultant imqiegħda fis-suq f'forma mhux stabbilizzata. F'dan il-każ, il-manifattur jew kwalunkwe persuna li tqiegħed tali sustanza fis-suq trid tiddikjara fuq it-tikketta l-isem tas-sustanza segwita bil-kliem 'mhux stabbilizzata'."

"Nota E:

Sustanzi b'effetti speċifiċi fuq is-saħħa tal-bniedem (ara l-kapitolu 4 ta' l-Anness VI tad-Direttiva 67/548/KEE) li huma klassifikati bħala karċinoġeniċi, mutaġeniċi u/jew tossiċi għar-riproduzzjoni fil-kategoriji 1 jew 2 huma attribwiti in-Nota E jekk huma klassifikati wkoll bħala tossiċi ħafna (T+), tossiċi (T) jew ta' ħsara (Xn). Għal dawn is-sustanzi, il-frażijiet ta' riskju R20, R21, R22, R23, R24, R25, R26, R27, R28, R39, R68 (ta'ħsara), R48 u R65 kif ukoll kwalunkwe kombinazzjonijiet ta' dawn il-frażijiet ta' riskju għandhom jiġu preċeduti mill-kliem Kif Ukoll."

"Nota H:

Il-klassifikazzjoni u t-tikketta li jidhru għal din is-sustanza tapplika għall-propjetà(jiet) perikolużi indikati mill-frażi(jiet) ta' riskju flimkien mal-kategorija/i ta' periklu indikat. Ir-rekwiżiti ta' l-artikolu 6 tad-Direttiva 67/548/KEE dwar il-manifatturi, distributuri, u importaturi ta' din is-sustanza japplikaw għall-aspetti l-oħrajn kollha tal-klassifikazzjoni u l-ittikkettjar. It-tikketta finali għandha tirrispetta r-rekwiżiti tas-sezzjoni 7 ta' l-Anness VI tad-Direttiva 67/548/KEE.

Din in-nota tapplika għal ċerti sustanzi derivati mill-faħam u żejt u għal ċerti annotazzjonijiet għal gruppi ta' sustanzi fl-Anness I tad-Direttiva 67/548/KEE."

"Nota S:

Din is-sustanza tista ma teħtieġx tikketta skond l-Artikolu 23 tad-Direttiva 67/548/KEE (ara s-sezzjoni 8 ta' l-Anness VI)."

(b) Nota K hija mibdula bit-test li ġej:

"Nota K:

Il-klassifikazzjoni bħala karċinoġenu jew mutaġenu ma għandhiex tapplika jekk jista' jintwera li s-sustanza fiħ inqas minn 0.1 % w/w 1,3-butadiene (Einecs Nru 203-450-8). Jekk is-sustanza mhiex klassifikata bħala karċinoġenu jew mutaġenu, ta' l-inqas il-frażijiet S (2-)9-16 għandhom japplikaw. Din in-nota tapplika għal ċerti sustanzi kumplessi derivati miż-żejt fl-Anness I tad-Direttiva 67/548/KEE."

2. Il-lista taħt l-intestatura "Punt 29 – Karċinoġeni: kategorija 1" għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) Jiġu mdaħħla l-annotazzjonijiet li ġejjin:

Sustanzi	Numru ta' l-Indiċi	Numru KE	Numru CAS	Noti
"Arsenat tat-Trietil	601-067-00-4	427-700-2	15606-95-8	
Gassijiet (pitrolju), *overhead* tad-depropanizzatur tan-nafta katalitika maqsuma, bi provvista kbira ta' C_3 u ħieles minn aċtu; Gass tal-pitrolju (Taħlita kumplessa ta' idrokarboni miksuba mill-frazzjonament ta' idrakarboni katalitiċi maqsuma u trattati sabiex jitneħħew impuritajiet ta' l-aċtu. Din tikkonsisti minn idrokarboni li għandhom numri ta' karbonju minn C_2 sa C_4, l-predominantement C_3.)	649-062-00-6	270-755-0	68477-73-6	H, K
Gassijiet (pitrolju), Sustanza katalitika li taqsam; Gass tal-pitrolju (Taħlita kumplessa ta' idrokarboni prodotti mid-distillazzjoni tal-prodotti minn proċess ta' qsim katalitiku. Din tikkonsisti predominantement minn idrokarboni alifatiċi li għandhom numri ta' karbonju predominantement minn C_1 sa C_6.)	649-063-00-1	270-756-6	68477-74-7	H, K
Gassijiet (pitrolju), sustanza katalitika li taqsam, bi provvista kbira ta' C_{1-5}; Gass tal-pitrolju (Taħlita kumplessa ta' idrokarboni prodotti mid-distillazzjoni ta' prodotti minn proċess ta' qsim katalitiku. Din tikkonsisti minn idrokarboni alifatiċi li għandhom numri ta' karbonju minn C_1 sa C_6, predominantement C_1 sa C_5.)	649-064-00-7	270-757-1	68477-75-8	H, K
Gassijiet (pitrolju), *overhead* ta' l-istabbilizzant *polymd*. katalitiku tan-nafta, bi provvista kbira ta' C_{2-4}; Gass tal-pitrolju (Taħlita kumplessa ta' idrokarboni miksuba mill-istabbilizzazzjoni tal-frazzjonament ta' nafta katalitika. Din tikkonsisti minn idrokarboni alifatiċi li għandhom numri ta' karbonju minn C_2 sa C_6, predominantement C_2 sa C_4.)	649-065-00-2	270-758-7	68477-76-9	H, K
Gassijiet (pitrolju), riformatur katalitiku, bi provvista kbira ta'C_{1-4}; Gass tal-pitrolju (Taħlita kumplessa ta' idrokarboni prodotti mid-distillazzjoni ta' prodotti minn proċess ta' riformar katalitiku. Din tikkonsisti minn idrokarboni li għandhom numri ta' karbonju minn C_1 sa C_6, predominantement C_1 sa C_4.)	649-066-00-8	270-760-8	68477-79-2	H, K
Gassijiet (pitrolju), C_{3-5} alimentazzjoni ta' alkilazzjoni olefinika-parafinika; Gass tal-pitrolju (Taħlita kumplessa ta' idrokarboni olefiniċi u parafiniċi li għandhom numri ta' karbonju minn C_3 sa C_5 li huma wżati bħala alimentazzjoni ta' alkilazzjoni. It-temperatura ta' l-ambjent normalment hija iktar mit-temperatura kritika ta' dawn it-taħliet bi provvista kbira ta' C_4)	649-067-00-3	270-765-5	68477-83-8	H, K

Sustanzi	Numru ta' l-Indiċi	Numru KE	Numru CAS	Noti
Gassijiet (pitrolju), bi provvista kbira ta'C_4; Gass tal-pitrolju (Taħlita kumplessa ta' idrokarboni prodotti mid-distillazzjoni ta' prodotti minn proċess ta' frazzjonament katalitiku. Din tikkonsisti minn idrokarboni alifatiċi li għandhom numri ta' karbonju minn C_3 sa C_5, predominantement C_4.)	649-068-00-9	270-767-6	68477-85-0	H, K
Gassijiet (pitrolju), *overheads* ta' deetanizzant; Gass tal-pitrolju (Taħlita kumplessa ta' idrokarboni prodotti mid-distillazzjoni tal-frazzjonijiet tal-gass u l-gasolina mill-proċess katalitiku ta' qsim. Din fiha predominantement etanu u etilene.)	649-069-00-4	270-768-1	68477-86-1	H, K
Gassijiet (pitrolju), tower *overheads* ta' deisobutanizzanti; Gass tal-pitrolju (Taħlita kumplessa ta' idrokarboni prodotti mid-distillazzjoni atmosferika ta' nixxiegħa ta' butan-butilene. Din tikkonsisti minn idrokarboni alifatiċi li għandhom numri ta' karbonju predominantement minn C_3 sa C_4.)	649-070-00-X	270-769-7	68477-87-2	H, K
Gassijiet (pitrolju), depropanizzant niexef, bi provvista kbira ta' propene; Gass tal-pitrolju (Taħlita kumplessa ta' idrokarboni prodotti mid-distillazzjoni ta' prodotti mill-frazzjonijiet ta' gass u gasolina ta' proċess katalitiku ta' qsim. Din tikkonsisti predominantement minn propilene b'xi etanu u propan.)	649-071-00-5	270-772-3	68477-90-7	H, K
Gassijiet (pitrolju), *overheads* ta' depropanizzant; Gass tal-pitrolju (Taħlita kumplessa ta' idrokarboni prodotti mid-distillazzjoni ta' prodotti mill-frazzjonijiet ta' gass u gasolina ta' proċess katalitiku ta' qsim. Din tikkonsisti minn idrokarboni alifatiċi li għandhom numri ta' karbonju predominantement minn C_2 sa C_4.)	649-072-00-0	270-773-9	68477-91-8	H, K
Gassijiet (pitrolju), *overheads* ta'depropanizzant ta' l-impjant ta' rkupru ta' gass; Gass tal-pitrolju (Taħlita kumplessa ta' idrokarboni miksuba mill-frazzjonament ta' nixxiegħat imħalltin ta' idrokarboni. Din tikkonsisti predominantement minn idrokarboni li għandhom numri ta' karbonju minn C_1 sa C_4, predominantement propan.)	649-073-00-6	270-777-0	68477-94-1	H, K
Gassijiet (pitrolju), alimentazzjoni ta' unità ta' Girbatol; Gass tal-pitrolju (Taħlita kumplessa ta' idrokarboni li hija wżata bħala alimentazzjoni ta' unità ta' Gibratol biex jitneħħa is-sulfidu ta' l-idroġenu. Din tikkonsisti minn idrokarboni alifatiċi li għandhom numri ta' karbonju predominantement minn C_2 sa C_4.)	649-074-00-1	270-778-6	68477-95-2	H, K

Sustanzi	Numru ta' l-Indiċi	Numru KE	Numru CAS	Noti
Gassijiet (pitrolju), frazzjonant isomerizzat ta' nafta, bi provvista kbira ta' C_4, ħieles minn-sulfid ta' l-idroġenu; Gass tal-pitrolju	649-075-00-7	270-782-8	68477-99-6	H, K
Gass skart (pitrolju), żejt katalitiku maqsum iċċarat u tanbur ta' frazzjonament ta' residwu ta' vaku termali maqsum; Gass tal-pitrolju (Taħlita kumplessa ta' idrokarboni miksuba mill-frazzjonament ta' żejt iċċarat maqsum katalitikament u residwi tal-vaku maqsum termalment. Din tikkonsisti predominantement minn idrokarboni li għandhom numri ta' karbonju predominantement minn C_1 sa C_6.)	649-076-00-2	270-802-5	68478-21-7	H, K
Gass skart (pitrolju), assorbitur ta' istabbilizzazzjoni ta' nafta katalitika maqsuma; Gass tal-pitrolju (Taħlita kumplessa ta' idrokarboni miksuba mill-istabbilizzazzjoni ta' nafta katalitika maqsuma. Din tikkonsisti predominantement minn idrokarboni li għandhom numri ta' karbonju predominantement minn C_1 sa C_6.)	649-077-00-8	270-803-0	68478-22-8	H, K
Gass skart (pitrolju), sustanza katalitika li taqsam, riformatur katalitiku u frazzjonant kombinat idrodesulfrizzant; Gass tal-pitrolju (Taħlita kumplessa ta' idrokarboni miksuba mill-frazzjonament ta' prodotti minn qsim katalitiku, riformar katalitiku u proċessi ta' idrodesulfurizzazzjoni trattati sabiex jitneħħew impuritajiet ta' l-aċtu. Din tikkonsisti predominantement minn idrokarboni li għandhom numri ta' karbonju predominantement minn C_1 sa C_5.)	649-078-00-3	270-804-6	68478-24-0	H, K
Gass skart (pitrolju), stabbilizzant ta' frazzjonament ta' nafta katalitika riformata; Gass tal-pitrolju (Taħlita kumplessa ta' idrokarboni miksuba mill-istabbilizzazzjoni tal-frazzjonament ta' nafta katalitika riformata. Din tikkonsisti predominantement minn idrokarboni li għandhom numri ta' karbonju predominantement minn C_1 sa C_4.)	649-079-00-9	270-806-7	68478-26-2	H, K
Gass skart (pitrolju), nixxiegħa mħallta ta' pjanta ta' gassijiet saturati, bi provvista kbira ta' C_4; Gass tal-pitrolju (Taħlita kumplessa ta' idrokarboni miksuba mill-istabbilizzazzjoni tal-frazzjonament ta' nafta *straight-run*, distillazzjoni ta' gass skart u gass skart stabbilizzant ta' nafta katalitika riformata. Din tikkonsisti minn idrokarboni li għandhom numri ta' karbonju minn C_3 sa C_6, predominantement butan u isobutan.)	649-080-00-4	270-813-5	68478-32-0	H, K

Sustanzi	Numru ta' l-Indiċi	Numru KE	Numru CAS	Noti
Gass skart (pitrolju), pjanta għall-irkupru ta' gass saturat, bi provvista kbira ta' C_{1-2}; Gass tal-pitrolju (Taħlita kumplessa ta' idrokarboni miksuba mill-frazzjonament ta' gass skart distillat, nafta ta' distillazzjoni diretta, gass skart stabbilizzant ta' nafta katalitika riformata. Din tikkonsisti predominantement minn idrokarboni li għandhom numri ta' karbonju minn C_1 sa C_5, predominantement metanu u etanu.)	649-081-00-X	270-814-0	68478-33-1	H, K
Gass skart (pitrolju), sustanza terminali li taqsam residwi f'vaku; Gass tal-pitrolju (Taħlita kumplessa ta' idrokarboni miksuba mill-qsim termali ta' residwi ta' vaku. Din tikkonsisti minn idrokarboni li għandhom numri ta' karbonju predominantement minn C_1 sa C_5.)	649-082-00-5	270-815-6	68478-34-2	H, K
Idrokarboni, bi provvista kbira ta' C_{3-4}, distillat tal-pitrolju; Gass tal-pitrolju (Taħlita kumplessa ta' idrokarboni prodotti mid-distillazzjoni u l-kondensazzjoni ta' żejt mhux irfinat. Din tikkonsisti minn idrokarboni li għandhom numri ta' karbonju minn C_3 sa C_5, predominantement C_3 sa C_4.)	649-083-00-0	270-990-9	68512-91-4	H, K
Gassijiet (pitrolju), nafta 'dehexanizer off *straight-run*' fil-varjazzjonijiet kollha; Gass tal-pitrolju (Taħlita kumplessa ta' idrokarboni miksuba mill-frazzjonament ta' nafta ta' distillazzjoni fil-varjazzjonijiet kollha. Din tikkonsisti minn idrokarboni li għandhom numri ta' karbonju predominantement minn C_2 sa C_6.)	649-084-00-6	271-000-8	68513-15-5	H, K
Gassijiet (pitrolju), depropanizzant off, li jaqsam b'likwidu bi provvista kbira ta' idrokarboni; Gass tal-pitrolju (Taħlita kumplessa ta' idrokarboni prodotti mid-distillazzjoni ta' prodotti minn proċess ta' qsim b'likwidu. Din tikkonsisti predominantement minn idrokarboni li għandhom numri ta' karbonju predominantement minn C_1 sa C_4. Tista' tikkuntieni wkoll ammonti żgħar ta' idroġenu u sulfid ta' l-idroġenu.)	649-085-00-1	271-001-3	68513-16-6	H, K
Gassijiet (pitrolju), stabbilizzant ta' nafta ħafifa ta' distillazzjoni diretta; Gass tal-pitrolju (Taħlita kumplessa ta' idrokarboni miksuba mill-istabbilizzazzjoni ta' nafta ħafifa ta' distilazzjoni diretta. Din tikkonsisti minn idrokarboni alifatiċi saturati li għandhom numri ta' karbonju predominantement minn C_2 sa C_6.)	649-086-00-7	271-002-9	68513-17-7	H, K

Sustanzi	Numru ta' l-Indiċi	Numru KE	Numru CAS	Noti
Residwi (pitrolju), separatur alkilazzjoni, bi provvista kbira ta' C_4; Gass tal-pitrolju (Residwu kumpless mid-distillazzjoni ta' nixxiġħat minn diversi operazzjonijiet ta' raffinar. Din tikkonsisti minn idrokarboni li għandhom numri ta' karbonju minn C_4 sa C_5, predominantement butan, u li jaġħli bejn wieħed u ieħor minn – 11,7 °C sa 27,8 °C.)	649-087-00-2	271-010-2	68513-66-6	H, K
Idrokarboni, C_{1-4}; Gass tal-pitrolju (Taħlita kumplessa ta' idrokarboni provduta mill-qsim termali u operazzjonijiet ta' assorbiment u mid-distillazzjoni ta' żejt mhux irfinat. Din tikkonsisti minn idrokarboni li għandhom numri ta' karbonju predominantement minn C_1 sa C_4 u li taġħli minn bejn wieħed u ieħor nieqes 164 °C sa nieqes 0,5 °C.)	649-088-00-8	271-032-2	68514-31-8	H, K
Idrokarboni, C_{1-4}, imħlewwa; Gass tal-pitrolju (Taħlita kumplessa ta' idrokarboni miksuba mis-suġġezzjoni ta' gassijiet ta' l-idrokarbonju għal proċess ta' ħlewwa sabiex ikunu konvertiti *mercaptans* jew sabiex jitneħħew impuritajiet ta' l-aċtu. Din tikkonsisti minn idrokarboni li għandhom numri ta' karbonju predominantement minn C_1 sa C_4 u li taġħli minn bejn wieħed u ieħor – 164 °C sa – 0,5 °C.)	649-089-00-3	271-038-5	68514-36-3	H, K
Idrokarboni, C_{1-3}; Gass tal-pitrolju (Taħlita kumplessa ta' idrokarboni li għandhom numri ta' karbonju predominantement minn minn C_1 sa C_3 u li taġħli minn bejn wieħed u ieħor – 164 °C sa – 42 °C.)	649-090-00-9	271-259-7	68527-16-2	H, K
Idrokarboni, C_{1-4}, frazzjoni ta' debutanizzant; Gass tal-pitrolju	649-091-00-4	271-261-8	68527-19-5	H, K
Gassijiet (pitrolju), C_{1-5}, imxarrbin; Gass tal-pitrolju (Taħlita kumplessa ta' idrokarboni prodotti mid-distillazzjoni ta' żejt mhux irfinat u/jew il-qsim ta' żejt tal-gass ta' distillazzjoni. Din tikkonsisti minn idrokarboni li għandhom numri ta' karbonju predominantement minn C_1 sa C_5.)	649-092-00-X	271-624-0	68602-83-5	H, K
Idrokarboni, C_{2-4}; Gass tal-pitrolju	649-093-00-5	271-734-9	68606-25-7	H, K
Idrokarboni, C_3; Gass tal-pitrolju	649-094-00-0	271-735-4	68606-26-8	H, K
Gassijiet (pitrolju), alimentazzjoni ta' l-alkilazzjoni; Gass tal-pitrolju (Taħlita kumplessa ta' idrokarboni prodotti mill-qsim katalitiku ta' żejt tal-gass. Din tikkonsisti minn idrokarboni li għandhom numri ta' karbonju predominantement minn C_3 sa C_4.)	649-095-00-6	271-737-5	68606-27-9	H, K

Sustanzi	Numru ta' l-Indiċi	Numru KE	Numru CAS	Noti
Gassijiet (pitrolju), frazzjonament ta' residwu ta' depropanizzant; Gass tal-pitrolju (Taħlita kumplessa ta' idrokarboni miksuba mill-frazzjonament ta' residwu ta' depropanizzant. Din tikkonsisti predominantement minn butan, isobutan u butadiene.)	649-096-00-1	271-742-2	68606-34-8	H, K
Gassijiet (pitrolju), taħlita tar-raffinerija; Gass tal-pitrolju (Taħlita kumplessa miksuba minn proċessi varji. Din tikkonsisti minn idroġenu, sulfid ta' l-idroġenu u idrokarboni li għandhom numri ta' karbonju predominantement minn C_1 sa C_5.)	649-097-00-7	272-183-7	68783-07-3	H, K
Gassijiet (pitrolju), qsim katalitiku; Gass tal-pitrolju (Taħlita kumplessa ta' idrokarboni prodotti mid-distillazzjoni tal-prodotti minn proċess ta' qsim katalitiku. Din tikkonsisti predominantement minn idrokarboni li għandhom numri ta' karbonju predominantement minn C_3 sa C_5.)	649-098-00-2	272-203-4	68783-64-2	H, K
Gassijiet (pitrolju), C_{2-4}, imħlewwa; Gass tal-pitrolju (Taħlita kumplessa ta' idrokarboni miksuba billi distillat tal-pitrolju jkun suġġett għal proċess ta' ħlewwa sabiex ikunu konvertiti *mercaptans* jew sabiex jitneħħew impuritajiet ta' l-aċtu. Din tikkonsisti predominantement minn idrokarboni saturati u mhux saturati li għandhom numri ta' karbonju predominantement minn C_2 sa C_4 u li jagħlu minn bejn wieħed u ieħor – 51 °C sa – 34 °C.)	649-099-00-8	272-205-5	68783-65-3	H, K
Gassijiet (pitrolju), frazzjonament ta' żejt mhux irfinat; Gass tal-pitrolju (Taħlita kumplessa ta' idrokarboni prodotti mill-frazzjonament ta' żejt mhux irfinat. Din tikkonsisti minn idrokarboni alifatiċi saturati li għandhom numri ta' karbonju predominantement minn C_1 sa C_5.)	649-100-00-1	272-871-7	68918-99-0	H, K
Gassijiet (pitrolju), dehexanizzant off; Gass tal-pitrolju (Taħlita kumplessa ta' idrokarboni miksuba mill-frazzjonament ta' nixxieġħat kombinati ta' nafta. Din tikkonsisti minn idrokarboni alifatiċi saturati li għandhom numri ta' karbonju predominantement minn C_1 sa C_5.)	649-101-00-7	272-872-2	68919-00-6	H, K
Gassijiet (pitrolju), stabbilizzant għall-frazzjonament tal-gasolina ħafifa u ta' distillazzjoni diretta; Gass tal-pitrolju (Taħlita kumplessa ta' idrokarboni miksuba mill-frazzjonament ta' gasolina ħafifa u ta' distillazzjoni diretta. Din tikkonsisti minn idrokarboni alifatiċi saturati li għandhom numri ta' karbonju predominantement minn C_1 sa C_5.)	649-102-00-2	272-878-5	68919-05-1	H, K

Sustanzi	Numru ta' l-Indiċi	Numru KE	Numru CAS	Noti
Gassijiet (pitrolju), stripper ta' desulfurizzazzjoni ta' unifiner ta' nafta; Gass tal-pitrolju (Taħlita kumplessa ta' idrokarboni prodotti minn proċess ta' desulfurizzazzjoni ta' l-unifinatur tan-nafta u ipprivat mill-prodott tan-nafta. Din tikkonsisti minn idrokarboni alifatiċi saturati li għandhom numri ta' karbonju predominantement minn C_1 sa C_4.)	649-103-00-8	272-879-0	68919-06-2	H, K
Gassijiet (pitrolju), riformakatalitika ta' nafta ta' distillazzjoni diretta; Gass tal-pitrolju (Taħlita kumplessa ta' idrokarboni miksuba mir-riformar katalitiku ta' nafta ta' distillazzjoni direttata u l-frazzjonament ta' l-effluwent totali. Din tikkonsisti minn metanu, etanu, u propan.)	649-104-00-3	272-882-7	68919-09-5	H, K
Gassijiet (pitrolju), *overheads* ta' splitter katalitiku li jaqsam fluwidizzat; Gass tal-pitrolju (Taħlita kumplessa ta' idrokarboni prodotti mill-frazzjonament tal-karga splitter tas-C_3-C_4. Din tikkonsisti predominantement minn idrokarboni C_3.)	649-105-00-9	272-893-7	68919-20-0	H, K
Gassijiet (pitrolju), *straight-run* stabbilizzant ta' distillazzjoni diretta; Gass tal-pitrolju (Taħlita kumplessa ta' idrokarboni miksuba mill-frazzjonament tal-likwidu mill-ewwel torri użat fid-distillazzjoni ta' żejt mhux irfinat. Din tikkonsisti minn idrokarboni alifatiċi saturati li għandhom numri ta' karbonju predominantement minn C_1 sa C_4.)	649-106-00-4	272-883-2	68919-10-8	H, K
Gassijiet (pitrolju), debutanizzant tan-nafta maqsum katalitikament; Gass tal-pitrolju (Taħlita kumplessa ta' idrokarboni miksuba mill-frazzjonament ta' nafta katalitika maqsuma. Din tikkonsisti minn idrokarboni li għandhom numri ta' karbonju predominantement minn C_1 sa C_4.)	649-107-00-X	273-169-3	68952-76-1	H, K
Gass skart (pitrolju), distillat u stabbilizzant ta' nafta katalitiku maqsum; Gass tal-pitrolju (Taħlita kumplessa ta' idrokarboni miksuba mill-frazzjonament ta' nafta katalitika maqsuma u distillat. Din tikkonsisti predominantement minn idrokarboni li għandhom numri ta' karbonju predominantement minn C_1 sa C_4.)	649-108-00-5	273-170-9	68952-77-2	H, K
Gass skart (pitrolju), distillat maqsum termalment, gass taż-żejt u assorbitur ta' nafta; Gass tal-pitrolju (Taħlita kumplessa ta' idrokarboni miksuba mis-separazzjoni ta' distillati maqsuma termalment, nafta u żejt tal-gass. Din tikkonsisti predominantement minn idrokarboni li għandhom numri ta' karbonju predominantement minn C_1 sa C_6.)	649-109-00-0	273-175-6	68952-81-8	H, K

Sustanzi	Numru ta' l-Indiċi	Numru KE	Numru CAS	Noti
Gass skart (pitrolju), stabbilizzant tal-frazzjonament idrokarbonju maqsum termalment, coking tal-pitrolju; Gass tal-pitrolju (Kombinazzjoni kumplessa ta' idrokarboni miksuba mill-istabbilizzazzjoni tal-frazzjonament ta' idrokarboni maqsumin termalment minn proċess ta' coking tal-pitrolju. Din tikkonsisti minn idrokarboni li għandhom numri ta' karbonju predominantement minn C_1 sa C_6.)	649-110-00-6	273-176-1	68952-82-9	H, K
Gassijiet (pitrolju, konċentrament tal-butadiene ħafif maqsum bil-fwar; Gass tal-pitrolju (Kombinazzjoni kumplessa ta' idrokarboni prodotta mid-distillazzjoni ta' prodotti minn proċess ta' qsim termali. Din tikkonsisti minn idrokarboni li għandhom numri ta' karbonju predominantement ta' C_4.)	649-111-00-1	273-265-5	68955-28-2	H, K
Gassijiet (pitrolju), *overhead straight-run* ta' l-istabbilizzant tar-riformatur katalitiku tannafta; Gass tal-pitrolju (Kombinazzjoni kumplessa ta' idrokarboni miksuba mir-riformar katalitiku ta' nafta *straight-run* u l-frazzjonament ta' l-effluwent totali. Din tikkonsisti minn idrokarboni alifatiċi saturati li għandhom numri ta' karbonju predominantement minn C_2 sa C_4.)	649-112-00-7	273-270-2	68955-34-0	H, K
Idrokarboni, C_4; Gass tal-pitrolju	649-113-00-2	289-339-5	87741-01-3	H, K
Alkani, C_{1-4}, B'ħafna C_3; Gass tal-pitrolju	649-114-00-8	292-456-4	90622-55-2	H, K
Gassijiet (pitrolju), sustanza li taqsam bil-fwar b'ħafna C_3; Gass tal-pitrolju (Kombinazzjoni kumplessa ta' idrokarboni prodotti mid-distillazzjoni ta' prodotti minn proċess ta' qsim bil-fwar. Din tikkonsisti predominantement minn propilena b'xi propan u tagħli minn bejn wieħed u ieħor – 70 °C sa 0 °C.)	649-115-00-3	295-404-9	92045-22-2	H, K
Idrokarboni, C_4, distillat tas-sustanza li taqsam bil-fwar; Gass tal-pitrolju (Kombinazzjoni kumplessa ta' idrokarboni prodotta mid-distillazzjoni tal-prodotti ta' proċess ta' qsim bil-fwar. Din tikkonsisti predominantement minn idrokarboni li għandhom numru ta' karbonju ta' C_4, predominantement i1-butene u 2-butene, fiha wkoll il-butane u isobutan u tagħli minn bejn wieħed u ieħor – 12 °C sa 5 °C.)	649-116-00-9	295-405-4	92045-23-3	H, K
Gassijiet tal-pitrolju, likwifati, ħelwin, frazzjoni ta' C_4; Gass tal-pitrolju (Kombinazzjoni kumplessa ta' idrokarboni miksuba billi taħlita ta' Gass tal-pitrolju likwifat ikun suġġett għal proċess ta' ħlewwa biex *mercaptans* ikunu ossidati jew biex jitneħħew impuritajiet ta' l-aċidu. Din tikkonsisti predominantement minn C_4 saturat u idrokarboni mhux saturati.)	649-117-00-4	295-463-0	92045-80-2	H, K, S

Sustanzi	Numru ta' l-Indiċi	Numru KE	Numru CAS	Noti
Raffinati (pitrolju), estrazzjoni kupruża ta' l-aċetat ta' l-ammonju C_4 maqsum bil-fwar, mhux saturati b'C_{3-5} u C_{3-5} ħelsin mill-butadiene; Gass tal-pitrolju	649-119 -00-5	307-769-4	97722-19-5	H, K
Gassijiet (pitrolju), sistema ta' l-għotja ta' l-amina; Gass tar-raffinar (Il-gass ta' l-għotja lis-sistema ta' l-amina għat-tneħħija tas-sulfid ta' l-idroġenu. Dan jikkonsisti primarjament minn idroġenu. Jistgħu jkunu preżenti wkoll monossidu tal-karbonju, diossidu tal-karbonju, sulfid ta' l-idroġenu u idrokarboni alifatiċi li għandhom numri ta' karbonju predominantement minn C_1 sa C_5.)	649-120-00-0	270-746-1	68477-65-6	H, K
Gassijiet (pitrolju), idrodesulfurizzant tal-units tal-benżina off; Gass tar-raffinar (Gassijiet off prodotti mill-unit ta' benżina. Dan jikkonsisti primarjament minn idroġenu. Jistgħu jkunu preżenti wkoll monossidu tal-karbonju u idrokarboni li għandhom numri ta' karbonju predominantement minn C_1 sa C_6, u anke benżina.)	649-121-00-6	270-747-7	68477-66-7	H, K
Gassijiet (pitrolju), riċiklar tal-unit tal-benżina, b'ħafna idroġenu; Gass li jirfina (Kombinazzjoni kumplessa ta' idrokarboni miksuba mir-riċiklar ta' gassijiet tal-unit tal-benżina. Din tikkonsisti primarjament minn idroġenu b'diversi ammonti żgħar ta' monossidu tal-karbonju u idrokarboni li għandhom numri ta' karbonju minn C_1 sa C_6.)	649-122-00-1	270-748-2	68477-67-8	H, K
Gassijiet (pitrolju), żejt imħallat, b'ħafna idroġenu u nitroġenu; Gass li jirfina (Kombinazzjoni kumplessa ta' idrokarboni miksuba mid-distillazzjoni ta' żejt imħallat. Din tikkonsisti primarjament minn idroġenu u nitroġenu b'diversi ammonti żgħar ta' monossidu tal-karbonju, diossidu tal-karbonju, u idrokarboni alifatiċi li għandhom numri ta' karbonju predominantement minn C_1 sa C_5.)	649-123-00-7	270-749-8	68477-68-9	H, K
Gassijiet (pitrolju), *overheads* ta' l-Istripper tannafta riformati katalitikament; Gass li jirfina (Kombinazzjoni kumplessa ta' idrokarboni miksuba mill-istabbilizzazzjoni ta' nafta riformata katalitikament. Din tikkonsisti minn idroġenu u idrokarboni saturati li għandhom numri ta' karbonju predominantement minn C_1 sa C_4.)	649-124-00-2	270-759-2	68477-77-0	H, K
Gassijiet (pitrolju), riċiklu bil-C_{6-8} tar-riformatur katalitiku; Gass li jirfina (Kombinazzjoni kumplessa ta' idrokarboni prodotti mid-distillazzjoni ta' prodotti minn riformar katalitiku ta' għotja ta' C_6-C_8 u irriċiklat biex jikkonserva l-idroġenu. Din tikkonsisti primarjament minn idroġenu. Jista' jkun fiha wkoll diversi ammonti żgħar ta' monossidu tal-karbonju, diossidu tal-karbonju, nitroġenu, u idrokarboni li għandhom numri ta' karbonju predominantement minn C_1 sa C_6.)	649-125-00-8	270-761-3	68477-80-5	H, K

Sustanzi	Numru ta' l-Indiċi	Numru KE	Numru CAS	Noti
Gassijiet (pitrolju), riformatur katalitiku C_{6-8}; Gass li jirfina (Kombinazzjoni kumplessa ta' idrokarboni prodotti mid-distillazzjoni ta' prodotti minn riformar katalitiku ta' għotja ta' C_6-C_8. Din tikkonsisti minn idrokarboni li għandhom numri ta' karbonju minn C_1 sa C_5 u idroġenu.)	649-126-00-3	270-762-9	68477-81-6	H, K
Gassijiet (pitrolju), riċiklu bil-C_{6-8} tar-riformatur katalitiku, b'ħafna idroġenu; Gass li jirfina	649-127-00-9	270-763-4	68477-82-7	H, K
Gassijiet (pitrolju), nixxiegħa tar-ritorn ta' C_2; Gass li jirfina (Kombinazzjoni kumplessa ta' idrokarboni miksuba mill-estrazzjoni ta' idroġenu minn nixxiegħa ta' gass li tikkonsisti primarjament minn idroġenu b'ammonti żgħar ta' nitroġenu, monossidu tal-karbonju, metan etan, u etilina. Din fiha predominantement idrokarboni bħall-metan, etan, u etilina b'ammonti żgħar ta' idroġenu, nitroġenu u monossidu tal-karbonju.)	649-128-00-4	270-766-0	68477-84-9	H, K
Gassijiet (pitrolju), *gass-concn.-unit-off nexfin* qarsin; Gass li jirfina (Il-kombinazzjoni kumplessa ta' gassijiet nexfin minn unit ta' konċentrazzjoni ta' gass. Din tikkonsisti minn idroġenu, sulfid ta' l-idroġenu u idrokarboni li għandhom numri ta' karbonju predominantement minn C_1 sa C_3.)	649-129-00-X	270-774-4	68477-92-9	H, K
Gassijiet (pitrolju), distillazzjoni tar-riassorbitur tal-konċentrazzjoni tal-gass; Gass li jirfina (Kombinazzjoni kumplessa ta' idrokarboni prodotti mid-distillazzjoni ta' prodotti minn nixxiegħat ta' gass kombinati f'riassorbitur tal-konċentrazzjoni tal-gass. Din tikkonsisti predominantement minn idroġenu, monossidu tal-karbonju, diossidu tal-karbonju, nitroġenu, sulfid ta' l-idroġenu u idrokarboni li għandhom numri ta' karbonju minn C_1 sa C_3.)	649-130-00-5	270-776-5	68477-93-0	H, K
Gassijiet (pitrolju), assorbitur ta' l-Idroġenu off; Gass li jirfina (Kombinazzjoni kumplessa miksuba mill-assorbiment ta' l-Idroġenu minn nixxiegħa b'ħafna idroġenu. Din tikkonsisti minn idroġenu, monossidu tal-karbonju, nitroġenu, u metan b'ammonti żgħar ta' idrokarboni C_2.)	649-131-00-0	270-779-1	68477-96-3	H, K
Gassijiet (pitrolju), b'ħafna idroġenu; Gass li jirfina (Kombinazzjoni kumplessa isseparata bħala gass minn gassijiet ta' l-Idrokarbonu permezz tal-kesħa. Din tikkonsisti primarjament minn idroġenu b'diversi ammonti żgħar ta' monossidu tal-karbonju, nitroġenu, metan, u idrokarboni C_2.)	649-132-00-6	270-780-7	68477-97-4	H, K

Sustanzi	Numru ta' l-Indiċi	Numru KE	Numru CAS	Noti
Gassijiet (pitrolju), riċiklu tat-taħlita taż-żejt idrotrattanti, b'ħafna idroġenu u nitroġenu; Gass li jirfina (Kombinazzjoni kumplessa miksuba minn taħlita ta' żejt idrotrattat riċiklat. Din tikkonsisti primarjament minn idroġenu u nitroġenu b'diversi ammonti żgħar ta' monossidu tal-karbonju, diossidu tal-karbonju u idrokarboni li għandhom numri ta' karbonju predominantement minn C_1 sa C_5.)	649-133-00-1	270-781-2	68477-98-5	H, K
Gassijiet (pitrolju), riċiklati, b'ħafna idroġenu; Gass li jirfina (Kombinazzjoni kumplessa miksuba minn gassijiet tar-reattur riċiklati. Din tikkonsisti primarjament minn idroġenu b'diversi ammonti żgħar ta' monossidu tal-karbonju, diossidu tal-karbonju, nitroġenu, sulfid ta' l-idroġenu, u idrokarboni alifatiċi saturati li għandhom numri ta' karbonju minn C_1 sa C_5.)	649-134-00-7	270-783-3	68478-00-2	H, K
Gassijiet (pitrolju), għamla tar-riformatur, b'ħafna idroġenu; Gass li jirfina (Kombinazzjoni kumplessa miksuba mir-riformaturi. Din tikkonsisti primarjament minn idroġenu b'diversi ammonti żgħar ta' monossidu tal-karbonju u idrokarboni alifatiċi li għandhom numri ta' karbonju predominantement minn C_1 sa C_5.)	649-135-00-2	270-784-9	68478-01-3	H, K
Gassijiet (pitrolju), idrotrattant li jirriforma; Gass li jirfina (Kombinazzjoni kumplessa miksuba mill-proċess ta' idrotrattar riformanti. Din tikkonsisti primarjament minn idroġenu, metan, u etan b'diversi ammonti żgħar ta' sulfid ta' l-idroġenu u idrokarboni alifatiċi li għandhom numri ta' karbonju predominantement minn C_3 sa C_5.)	649-136-00-8	270-785-4	68478-02-4	H, K
Gassijiet (pitrolju), idrotrattant li jirriforma, b'ħafna idroġenu u metan; Gass li jirfina (Kombinazzjoni kumplessa miksuba minn proċess ta' idrotrattar riformanti. Din tikkonsisti primarjament minn idroġenu u metan b'diversi ammonti żgħar ta' monossidu tal-karbonju, diossidu tal-karbonju, nitroġenu u idrokarboni alifatiċi saturati li għandhom numri ta' karbonju predominantement minn C_2 sa C_5.)	649-137-00-3	270-787-5	68478-03-5	H, K
Gassijiet (pitrolju), għamla ta' l-idrotrattant li jirriforma, b'ħafna idroġenu; Gass li jirfina (Kombinazzjoni kumplessa miksuba mill-proċess ta' idrotrattar riformanti. Din tikkonsisti primarjament minn idroġenu b'diversi ammonti żgħar ta' monossidu tal-karbonju u idrokarboni alifatiċi li għandhom numri ta' karbonju predominantement minn C_1 sa C_5.)	649-138-00-9	270-788-0	68478-04-6	H, K

Sustanzi	Numru ta' l-Indiċi	Numru KE	Numru CAS	Noti
Gassijiet (pitrolju), distillazzjoni tal-qsim termali; Gass li jirfina (Kombinazzjoni kumplessa prodotta mid-distillazzjoni ta' prodotti minn proċess ta' qsim termali. Din tikkonsisti minn idroġenu, sulfid ta' l-idroġenu, monossidu tal-karbonju, diossidu tal-karbonju u idrokarboni li għandhom numri ta' karbonju predominantement minn C_1 sa C_6.)	649-139-00-4	270-789-6	68478-05-7	H, K
Gass skart (pitrolju), assorbitur tar-rifrazzjonament tas-sustanza li taqsam katalitikament; Gass li jirfina (Kombinazzjoni kumplessa ta' idrokarboni miksuba mir-rifrazzjonament ta' prodotti minn proċess ta' qsim katalitiku. Din tikkonsisti minn idroġenu u idrokarboni li għandhom numri ta' karbonju predominantement minn C_1 sa C_3.)	649-140-00-X	270-805-1	68478-25-1	H, K
Gass skart (pitrolju), separatur tan-nafta riformata katalitikament; Gass li jirfina (Kombinazzjoni kumplessa ta' idrokarboni miksuba mir-riformar katalitiku ta' nafta *straight-run*. Din tikkonsisti minn idroġenu u idrokarboni li għandhom numri ta' karbonju predominantement minn C_1 sa C_6.)	649-141-00-5	270-807-2	68478-27-3	H, K
Gass skart (pitrolju), stabbilizzant tan-nafta riformata katalitikament; Gass li jirfina (Kombinazzjoni kumplessa ta' idrokarboni miksuba mill-istabbilizzazzjoni ta' nafta riformata katalitikament. Din tikkonsisti minn idroġenu u idrokarboni li għandhom numri ta' karbonju predominantement minn C_1 sa C_6.)	649-142-00-0	270-808-8	68478-28-4	H, K
Gass skart (pitrolju), distillat maqsum idrotrattant separatur; Gass li jirfina (Kombinazzjoni kumplessa ta' idrokarboni miksuba mit-trattament ta' distillati maqsumi bl-idroġenu fil-preżenza ta' katalist. Din tikkonsisti minn idroġenu u idrokarboni alifatiċi saturati li għandhom numri ta' karbonju predominantement minn C_1 sa C_5.)	649-143-00-6	270-809-3	68478-29-5	H, K
Gass skart (pitrolju), separatur tan-nafta *straight-run* idrodesulfurizzat; Gass li jirfina (Kombinazzjoni kumplessa ta' idrokarboni miksuba mill-idrodesulfurizzazzjoni ta' nafta *straight-run*. Din tikkonsisti minn idroġenu u idrokarboni alifatiċi saturati li għandhom numri ta' karbonju predominantement minn C_1 sa C_6.)	649-144-00-1	270-810-9	68478-30-8	H, K
Gassijiet (pitrolju), *overheads* ta' l-istabbilizzant tan-nafta riformati katalitikament u *straight-run*; Gass li jirfina (Kombinazzjoni kumplessa ta' idrokarboni miksuba mir-riformar katalitiku ta' nafta *straight-run* segwita mill-frazzjonament tal-effluwent totali. Din tikkonsisti minn idroġenu, metan, etan u propan.)	649-145-00-7	270-999-8	68513-14-4	H, K

Sustanzi	Numru ta' l-Indiċi	Numru KE	Numru CAS	Noti
Gassijiet (pitrolju), *flash drum* off riformatur effluwenti bi pressa għolja; Gass li jirfina (Kombinazzjoni kumplessa prodotta mill-*flash*ing bi pressa għolja tal-effluwent mir-reattur riformatur. Din tikkonsisti primarjament minn idroġenu b'diversi ammonti żgħar ta' metan, etan, u propan.)	649-146-00-2	271-003-4	68513-18-8	H, K
Gassijiet (pitrolju), *flash drum* off riformatur bi pressa baxxa; Gass li jirfina (Kombinazzjoni kumplessa prodotta minn *flash*ing bi pressa baxxa tal-effluwent mir-reattur riformatur. Din tikkonsisti primarjament minn idroġenu b'diversi ammonti żgħar ta' metane, etan, u propan.)	649-147-00-8	271-005-5	68513-19-9	H, K
Gassijiet (pitrolju), distillazzjoni off tal-gass ta' l-impjanti tar-raffinar taż-żejt; Gass li jirfina (Kombinazzjoni kumplessa isseparata permezz ta' distillazzjoni ta' nixxiegħa ta' gass li fiha idroġenu, monossidu tal-karbonju, diossidu tal-karbonju u idrokarboni li għandhom numri ta' karbonju minn C_1 sa C_6 jew miksuba permezz ta' qsim ta' etan u propan. Din tikkonsisti minn idrokarboni li għandhom numri ta' karbonju predominantement minn C_1 sa C_2, idroġenu, nitroġenu, u monossidu tal-karbonju.)	649-148-00-3	271-258-1	68527-15-1	H, K
Gassijiet (pitrolju), *overheads* tad-depentanizzanti ta' l-unit ta' l-idrotrattanti tal-benżina; Gass li jirfina (Kombinazzjoni kumplessa prodotta permezz ta' trattament tal-ġħotja mill-unit ta' benżina bl-idroġenu fil-preżenza ta' katalist segwit minn depentanizzazzjoni. Din tikkonsisti primarjament minn idroġenu, etan u propan b'diversi ammonti żgħar ta' nitroġenu, monossidu tal-karbonju, diossidu tal-karbonju u idrokarboni li għandhom numri ta' karbonju predominantement minn C_1 sa C_6. Jista' jkun fiha ammonti ta' traċċi ta' benżina.)	649-149-00-9	271-623-5	68602-82-4	H, K
Gassijiet (pitrolju), assorbitur sekondarju off, *overheads* fluidizzati tas-sustanza li taqsam katalitikament; Gass li jirfina (Kombinazzjoni kumplessa prodotta bil-frazzjonament tal-prodotti *overhead* mill-proċess ta' qsim katalitiku fis-sustanza li taqsam katalitikament fluwidizzata. Din tikkonsisti minn idroġenu, nitroġenu, u idrokarboni li għandhom numri ta' karbonju predominantement minn C_1 sa C_3.)	649-150-00-4	271-625-6	68602-84-6	H, K
Prodotti tal-pitrolju, gassijiet li jirfinaw; Gass li jirfina (Kombinazzjoni kumplessa li tikkonsisti primarjament minn idroġenu b'diversi ammonti żgħar ta' metan, etan u propan.)	649-151-00 -X	271-750-6	68607-11-4	H, K

Sustanzi	Numru ta' l-Indiċi	Numru KE	Numru CAS	Noti
Gassijiet (pitrolju), separatur li jaqsam bl-ilma bi pressa baxxa; Gass li jirfina (Kombinazzjoni kumplessa miksuba mis-separazzjoni bil-likwidu u l-fwar ta' l-effluent tar-reattur tal-proċess ta' qsim bl-ilma. Din tikkonsisti predominantement minn idroġenu u idrokarboni saturati li għandhom numri ta' karbonju predominantement minn C_1 sa C_3.)	649-152-00-5	272-182-1	68783-06-2	H, K
